MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 456/2013

**AB**

***vs***

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi hija zzewwget lill-intimat CB permezz ta’ ceremonja religjuza fl-ghaxra (10) ta’ Ottubru tas-sena elf disa mija tmienja u disghin (1998);

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta’ kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Elena Farrugia fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’

Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) (Kopja annessa Dok A);

Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg kellhom erbat itfal, u ma tezisti l-ebda problema dwar pendenzi ta' manteniment, kif ukoll il-partijiet kienu ddekadew reciprokament ghal kull dritt li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi r-rikrorenti taf li ma hemm ebda prospett regonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghaddew erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjojni bejn l-partijiet;

Illi jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara li z-zwieg taghha ma CB hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u biex tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Settembru 2013;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment

separati mis-27 ta’ Settembru 2002 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenza fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------